MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 57/2019 LM

**Doreen Saliba (K.I. numru 695958M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Foster Clark Products Limited (C-803)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-socjetà intimata **Foster Clark Products Limited** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal

Industrijali [minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”], li permezz tagħha ddeċieda dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imressqa mill-appellanta b’risposta għar-rikors tar-rikorrenti **Doreen Saliba** [minn issa ’l quddiem “l-appellata”], billi ċaħadhom.

## Fatti

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata mal-appellanta permezz tar-riżenja tagħha fit-23 ta’ Awwissu, 2018, liema terminazzjoni l-appellata qiegħda tikkontendi li tikkostitwixxi *“constructive dismissal”*.

## Mertu

3. L-appellata istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz ta’ rikors fejn talbet sabiex jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha kien riżultat tal-azzjonijiet inġusti meħuda mill-appellanta, u għalhekk dan kien jikkostitwixxi *“constructive dismissal”.*

4. L-intimata wieġbet għall-ilment billi fl-ewwel lok eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta. Eċċepiet ukoll li t-Tribunal huwa prekluż milli jieħu konjizzjoni tal-każ peress li kien hemm ftehim pattwit u konkluż bejn ir-rikorrenti u l-intimata li jorbot il-partijiet u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħetx tiftaħ il-każ quddiem it-Tribunal. L-intimata ssostni li

dan huwa każ ta' riżenja volontarja u li ma hemm l-ebda ħjiel ta' *'constructive dismissal'* kif qed tipprova tallega r-rikorrenti.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"It-tieni eċċezzjoni.*
>
> 2 li t-Tribunal Industrijali huwa prekluż milli jkompli jisma' dan il-każ għaliex għaddew l-erba xhur kontemplati fl-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> *L-Artikolu 75(3) tal-Kapitolu 452 jgħid li kull referta għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. It-Tribunal kellu quddiemu riżenja* constructive dismissal *datata 23 ta' Awwissu, 2018 fejn r-rikorrenti Doreen Saliba tat ukoll* notice period *sas-26 ta' Ottubru, 2018. Id-dikjarazzjoni tal-każ ġie ppreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal fit-22 ta' Jannar, 2019.*
>
> *Il-kumpanija intimata permezz tal-Avukat Matthew Brincat argumentat li dan kien każ ta' riżenja volontarja u li ma hemm l-ebda ħjiel ta' tkeċċija jew ta'* constructive dismissal *kif qed tallega l-appellanta. Barra minn hekk il-perijodu li fih seta' jitressaq il-każ quddiem it-Tribunal kien preskritt għaliex l-erba' xhur tal-preskrizzjoni jibdew jgħoddu, skont il-kumpannija, mit-23 ta' Awwissu 2018 liema perijodu skada fit-22 ta' Diċembru 2018.*
>
> *Ir-rikorrenti Doreen Saliba permezz tal-Avukat Malcolm Mifsud argumentat li f'dan il-każ kien hemm ċirkostanzi oħra li jimmitigaw id-data tat-23 ta' Awwissu, 2018 u għaldaqstant id-data effettiva tar-riżenja mhiex it-23 ta' Awwissu, 2018.*
>
> *Hija ħaġa serja ħafna meta mpjegat jirreżenja għaliex iħossu kostrett li jagħmel dan u jħoss li m'għandux* option *oħra ħlief li jirriżenja mix-xogħol.*
>
> *Doreen Saliba irreżenjat għaliex ħassitha trattata nġustament meta bidlulha x-xogħol u minkejja li baqat titħallas l-istess paga, assenjawlha xogħol ta'* status *aktar baxx minn dak li kienet qed tgawdi sa dakinhar. Din id-deċiżjoni kienet imponuta*

*mill-*Management *kif hemm spjegat fil-*memorandum *iffirmat minn Steve Vella Head HR datat 4 ta' Settembru u ntitolat "*Working Instructions".

Working instructions *mingħand l-*employer *iġorru ħafna piż u hekk għandu jkun għaliex jekk l-*instructions *ma jkunux segwiti, jistgħu jittieħdu passi dixxiplinarji. Imma dan ikun ta' dilemma għall-impjegat meta hu jħossu nġurjat bil-*working instructions *mogħtija għaliex l-*options *quddiemu jkun jew jisfida l-istruzzjonijiet u jbati l-konsegwenzi tad-dixxiplina jew jaċċetta s-sitwazzjoni kontra qalbu biex ma jitlifx l-impjeg jew jekk l-impjegat iħoss li l-inġustizzja hija peżanti wisq biex jaċċettaha u jġorrha, l-impjegat jagħzel li jwarrab lilu nnifsu mill-piż u jirreżenja.*

*Tidher li Doreen Saliba hassitha ħafna l-weġgħa tat-tnaqqis fl-istatus tagħha, status li kienet akkwistatu lejn l-aħħar tal-karriera tagħha. It-Tribunal jifhem li l-istatus fuq il-post tax-xogħol jiddefinixxi ħafna drabi lil ħaddiema u għalhekk hemm rabta diretta bejn l-istatus tal-persuna fuq il-post tax-xogħol u l-*well-being *tal-persuna.*

*L-ittra ta' riżenja titkellem fuq l-fatt li qatt qabel ma kien hemm* "complaints" *fuq xogħolha u l-fatt li l-*Management *ordnalha terġa' tibda tnaddaf, ħasset li dan l-aġir huwa nġust.*

*Hawn it-Tribunal irid jistaqsi l-ewwel domanda jekk Doreen kinitx qed tikkonsidra li dak li ġralha huwa ksur effettiv fir-relazzjoni bejnha u bejn min iħaddimha.*

*Mix-xiehda tagħha Doreen Saliba xtaqet li titwarrab l-inġustizzja biex hi tkompli bix-xogħol tagħha. Fix-xieħda tagħha Doreen Saliba qalet "*li forsi li għad jistgħu jirranġaw, li nibqa' jew whatever, fhimt".

*Fil-verità l-issue tat-tibdil fir-rwol ma kinitx waħda serja li jħassar b'mod instantanju r-relazzjoni tajba li kienet teżisti bejn Doreen Saliba u l-Management. Għaldaqstant ma hux diffiċli li wieħed jifhem li bi ftit rieda tajba, soluzzjoni setgħat tinstab.*

*Infatti Doreen Saliba kompliet bix-xogħol tagħħa tul in-*notice period *u ma ħareġ xejn fix-xiehda li xogħolha ma kienx tal-istess kwalità bħal dejjem.*

*Hawn it-Tribunal irid jistaqsi t-tieni domanda, jekk kienx hemm passi biex forsi l-affarijiet jitranġaw u mix-xiehda ħareġ li kien hemm komunika bejn Doreen Saliba u l-*Management *dwar din l-*issue.

*Mix-xiehda joħroġ ukoll li kien hemm xi persuni li huma* seniors *għal Doreen fil-kumpannija li tawha x'tifhem li l-affarijiet sa jitranġaw. Kien hemm ukoll l-ittra ta' Steve Vella datata 4 ta' Settembru fejn ukoll qed jgħid li kien lest li jikkjarifika jekk ikun hemm il-bżonn.*

*Dan kollu seta' jsir għaliex minkejja li r-riżenja hija deskritta bħala* constructive dismissal*, Doreen Saliba tat* notice period *ta' tmien (8) ġimgħat li fih baqat taħdem mal-kumpannija u min-naħa l-oħra baqat fdata mill-kumpannija. In*-notice period *ta' tmien (8) ġimgħat, kien spazju fejn Doreen Saliba ittamat li l-affarijiet jitranġaw għaliex fil-verità hija xtaqet tkompli taħdem mal-kumpannija. Dan jindika li l-bieb kien għadu miftuħ biex jinstab ftehim dwar il-kwistjoni.*
*Għat-Tribunal dan kollu ma jindikax li kien hemm ksur effettiv fit-23 ta' Awwissu, 2018.*

*Però meta beda jgħaddi ż-żmien, Doreeen Saliba xehdet li qisu ħadd mill-*Management *ma kien qed jagħti każ u li kollox kien sa jibqa' kif inhu. F'dan il-mument Doreen Saliba rrikorriet għand il-Union għaliex issa rrealizzat li t-tama li jitranġaw l-affarijiet u li hi terġa' lura għax-xogħol sfuma. Issa r-relazzjoni bejn l-impjegat u min iħaddem inkisret. Biex nuża l-istess kliem użat fit-trattazzjoni "*intom ittrattajtuni ħażin tant illi jiena issa tlaqt". *Hawn seħħ il-ksur effettiv għaliex spiċċa kollox."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Ġunju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...għar-raġunijiet u l-aggravji hawn fuq imfissra u li għandhom jiġu trattati f'aktar dettall fis-smigħ ta' dan l-appell ... jogħġobha tħassar u tirrevoka parzjalment d-deċiżjoni preliminari appellata numru 2604 mogħtija mit-Tribunal Industrijali u (a) tiddeċiedi li l-każ ma jistax jitkompla peress illi l-appellata intavolat l-każ tagħha b'mod tardiv fil-kuntest tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 jew (b) tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal Industrijali sabiex l-istess Tribunal jerġa' jevalwa il-provi ġia prodotti u jerġa' jiddeċiedi l-eċċezjoni preliminari sollevata mill-kumpannija appellanta fid-dawl tad-deċiżjoni ta' din l-Qorti."*

L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex hija żbaljata fir-rigward tat-terminu li huwa stabbilit mil-liġi sabiex jiġu intavolati proċeduri bħal dawk odjerni.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellata min-naħa tagħha titlob sabiex din il-Qorti tikkonferma d-deċizjoni appellata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. Is-soċjetà appellanta tispjega li waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari tagħha mressqa quddiem it-Tribunal kienet li dan ma setax jisma' l-każ odjern peress li l-appellata intavolat l-każ tagħha b'mod tardiv, u ċioé kien għadda t-terminu ta' erba' xhur kontemplat fis-subartikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Tissottometti li t-Tribunal iddeċieda ħażin dwar din l-eċċezzjoni u dan kien naqas milli jiddeċiedi punt legali kif kien mitlub. Tgħid li t-Tribunal kien saħansitra daħal fil-mertu tal-każ mingħajr ma ddeċieda minn meta kien jibda jiddekorri t-terminu legali meta jinfetħu proċeduri msejsa fuq *"constructive dismissal"*. Wara li tiċċita s-subartikolu tal-liġi inkwistjoni, tirrileva li l-liġi titkellem fuq ksur ta' dritt u mhux ksur ta' relazzjoni kif iddeċieda t-Tribunal. Tispjega li l-kunċett ta' *"constructive dismissal"* ġie

żviluppat mill-qrati Ingliżi. Dan sabiex jagħti d-dritt legali lil dawk l-impjegati li jiġu kkunsidrati li tkeċċew jekk jitilqu minnufih l-impieg tagħhom, għaliex iħossuhom li l-kuntratt ta' impjieg ġie miksur minn min iħaddimhom, b'mod li huma ma jkollhom l-ebda għażla oħra. Is-soċjetà appellanta hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li jsostni l-awtur Ingliż Selwyn fil-ktieb tiegħu *"Selwyn's Law of Employment"* u tirrileva li d-data effettiva minn meta jibda jiddekorri t-terminu previst fis-subartikolu 75(3) tal-Kap. 452 kienet id-data ta' meta l-appellanta tat ir-riżenja tagħha u mhux id-data meta spiċċat taħdem il-perijodu tan-*notice.* Dan għaliex l-allegazzjoni tal-ksur ta' dritt hija marbuta ma' meta saret ir-riżenja u mhux ma' meta effettivament hija spiċċat mix-xogħol.

10. L-appellata min-naħa tagħha tispjega li wara li kienet tat ir-riżenja tagħha lill-appellanta fit-23 ta' Awwissu, 2018, hija baqgħet taħdem il-perijodu kollu ta' tmien ġimgħat rappreżentanti n-*notice period* sussegwenti għal dik id-data. Matul dak il-perijodu, kienu saru diversi laqgħat u diskussjonijiet bejn il-partijiet bil-għan li jintlaħaq ftehim saħansitra dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha. L-appellata tispjega li hija kienet baqgħet taħdem in-*notice period* bit-tama li l-appellanta toffrilha mill-ġdid il-kundizzjonijiet tal-impjieg li kienet tgawdi qabel id-demozzjoni tagħha. Sabiex issaħħaħ l-argument tagħha li d-data rilevanti hija dik meta temmet in-*notice period,* l-appellata tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar, 2008, fl-ismijiet **Grezzju Azzopardi *vs*. Public Broadcasting Services Limited**, u wkoll għad-deċiżjoni tat-Tribunal mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2009, fl-ismijiet **Peter Agius *vs.* Melita plc**.

11. It-Tribunal ikkunsidra li l-bidla fir-rwol tal-appellata fl-impjieg tagħha ma kinitx daqstant serja li tħassar b'mod immedjat ir-relazzjoni tajba mas-soċjetà appellanta. Għalhekk it-Tribunal qal li fil-fehma tiegħu ma kienx diffiċli li bi ftit rieda tajba setgħet tinstab soluzzjoni u għalhekk l-appellata baqgħet taħdem in-*notice period.* It-Tribunal osserva li mix-xhieda kien jirriżulta li l-partijiet kien qegħdin jikkomunikaw ma' xulxin fir-rigward tal-kwistjoni ta' bejniethom, u dan seta' jsir għaliex l-appellata baqgħet taħdem in-*notice period,* filwaqt li l-appellanta baqgħet tafda lill-appellata. B'hekk it-Tribunal ikkunsidra li kien inżamm bieb miftuħ għal ftehim bejn il-partijiet u l-ksur effettiv ma seħħx fit-23 ta' Awwissu, 2018, iżda fis-26 ta' Ottubru, 2018, meta l-appellata waqfet mix-xogħol definittivament wara li r-relazzjoni bejn il-ħaddiem u l-prinċipal intemmet.

12. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tat-Tribunal. It-terminu ta' erba' xhur kif kontemplat mis-subartikolu 75(3) tal-Kap. 452 għall-preżentata ta' lment quddiem it-Tribunal dwar allegata tkeċċija inġusta, għandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta l-appellata waqfet taħdem mas-soċjetà appellanta. Ma jidhirx kontestat il-fatt li l-appellata ressqet l-ilment tagħha quddiem it-Tribunal għar-raġunijiet ta' "*constructive dismissal*" u li hija kienet ħadmet iż-żmien kollu tan-*notice period* sas-17 ta' Ottubru, 2018. Dan jixduh saħansitra l-ittra tar-riżenja[1] tagħha u l-komunikazzjoni li rċeviet mill-appellanta datata 4 ta' Settembru 2018.[2] L-appellata ssostni li hija din id-data tas-17 ta' Ottubru, 2018, rilevanti għall-finijiet tas-subartikolu 75(3) tal-Kap. 452, għaliex huwa proprju f'dik id-data li seħħ ksur tad-dritt kif kontemplat mil-liġi. Is-soċjetà

[1] *A fol.* 6 tal-atti tat-Tribunal.
[2] *A fol.* 7

appellanta tgħid li t-Tribunal daħal fil-mertu sabiex jikkonstata meta seħħ il-ksur fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet u naqas milli jiddeċiedi l-punt legali dwar meta jiddekorri t-terminu legali. L-appellanta hawnhekk mhijiex korretta fiż-żewġ osservazzjonijiet li tagħmel li: (a) il-liġi tikkontempla ksur ta' dritt u mhux ksur ta' relazzjoni; u (b) it-Tribunal ma kellux jidħol fil-mertu.

13. Dwar l-ewwel osservazzjoni din il-Qorti tgħid li s-subartikolu 75(3) tal-Kap. 452 jitkellem dwar *"ksur allegat"* u m'hemm l-ebda riferiment dirett għal *"ksur ta' dritt"* kif qiegħda tinsisti l-appellanta. Għalhekk ma jistgħux jinġibdu l-konklużjonijiet li qiegħda tippretendi.

14. Din il-Qorti tikkunsidra li l-ksur kontemplat mil-liġi huwa proprju **ksur effettiv**[3] li ma jista' jkun xejn għajr il-ksur fir-relazzjoni bejn il-ħaddiem u l-prinċipal. It-Tribunal għaraf sew dan il-prinċipju u kien proprju għalhekk li daħal bir-reqqa f'dak li seħħ bejn il-partijiet fil-perijodu ta' bejn id-data li l-appellata tat ir-riżenja tagħha u d-data ta' meta hija effettivament spiċċat mix-xogħol. Kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni s-soċjetà appellanta, dan għamlu mhux bil-għan li jiġi deċiż il-mertu, iżda proprjament sabiex jikkunsidra jekk l-argument legali mqajjem mill-istess appellanta kienx ireġi jew le.

15. Għalhekk sewwa għamel it-Tribunal meta kkunsidra l-provi quddiemu u qies li l-appellata fil-verità xtaqet tkompli taħdem mal-kumpannija. Din il-Qorti tikkunsidra li din kienet ir-raġuni waħdanija għaliex l-appellata ħadmet in-*notice period*. Fi kliem it-Tribunal li wasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm ksur effettiv kif allegat mill-appellanta fit-23 ta' Awwissu, 2018, "[*i]n*-notice

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

period *ta' tmien (8) ġimgħat kien spazju fejn Doreen Saliba ittamat li l-affarijiet jitranġaw ... Dan jindika li l-bieb kien għadu miftuħ biex jinstab ftehim dwar il-kwistjoni."* Għandu jingħad li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal tirrifletti dak li jgħid l-awtur Selwyn kif ċitat mill-appellanta, u għalhekk huwa ċar l-pożizzjoni tal-appellanta ma tistax tkun imsejsa fuq kliemu.

16. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tirrimetti lura l-atti ta' dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal sabiex ikompli jisma' u jiddeċiedi r-rikors tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem it-Tribunal fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-appellanta, kif ukoll dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**